MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 368/2001/1

**INFORMATION TECHNOLOGY SERVICES LIMITED**

**vs**

**Roberta GALEA, u għal kull interess li jista' jkollu, żewġha Silvio Galea bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-6 ta' Marzu, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet il-kundanna tal-imħarrkin għall-ħlas lilha ta' somma ta' flus bħala danni talli l-imħarrka Roberta Galea kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-impieg tagħha magħha;
Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Galea fit-30 ta' Mejju, 2001, li biha huma qalu li l-kuntratt tal-impieg intemm bi qbil bejn il-partijiet, li l-imħarrka kellha raġuni tajba biex ittemm il-kuntratt, u li l-

kumpannija attriċi naqset fil-mod kif temmet il-kuntratt tal-impieg;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fid-29 ta' Diċembru, 2003[1];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka Roberta Galea flimkien ma' rikors fis-17 ta' Frar, 2004[2], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet imressqin mill-kumpannija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tas-26 ta' Frar, 2004, tas-27 ta' Mejju, 2004, tas-7 ta' Ottubru, 2004, tal-20 ta' Jannar, 2005, u tat-12 ta' Mejju, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-kundanna ta' ħlas ta' penali minħabba ksur ta' kuntratt. L-imħarrka kienet impjegata mal-kumpannija attriċi b'kuntratt għal żmien definit, imma billi hija telqet mix-xogħol qabel għalaq iż-żmien miftiehem, il-kumpannija attriċi tridha tħallasha penali;

Illi l-imħarrka tgħid li ma jmissha tħallas l-ebda penali għaliex it-tluq tagħha mill-impieg kien maqbul bejnha u l-kumpannija attriċi, u li kellha raġunijiet tajba biex titlaq mix-xogħol;

Illi mill-atti tal-kawża joħorġu l-fatti ewlenin li sejrin jissemmew. L-imħarrka kienet ġiet ingaġġata bħala *analyst programmer* mal-kumpannija attriċi b'kuntratt ta' mpieg *full time* għal tliet (3) snin b'effett mit-3 ta' Awissu, 1998[3], u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

[1] Paġġ. 234-9 tal-proċess
[2] Paġġ. 242 sa 251 tal-proċess
[3] Dok "A", f'paġġ. 5-9 tal-proċess

Il-kuntratt kien wieħed tipiku li l-kumpannija attriċi kienet tagħmel dwar l-impjegati tagħha li ma kinux f'kariga maniġerjali[4]. F'waħda minn dawn il-kundizzjonijiet[5], kien miftiehem li f'każ li impjegat jonqos milli jidħol għax-xogħol mingħajr permess għal żmien kontinwu ta' ġimgħatejn, il-ftehim jitqies maħlul awtomatikament. Din il-kundizzjoni ma kinitx tapplika f'każ ta' mard tal-impjegat. F'każ ta' temm tal-ftehim minħabba dan in-nuqqas, l-impjegat kellu jħallas lill-kumpannija bħala danni somma li tkun daqs nofs ($^1/_2$) is-salarju li tali impjegat kien ikollu jedd jirċievi għall-bqija taż-żmien tal-kuntratt kieku komplih;

Illi dan kien l-ewwel impieg tal-imħarrka wara li kienet temmet l-istudji universitarji tagħha dik is-sena stess fil-qasam tal-informatika. Ftit taż-żmien wara li bdiet l-impieg tagħha, l-imħarrka kellha xi diffikultajiet ma' wieħed mis-superjuri tagħha u talbet li tinħall mill-kuntratt. Ingħad li kellha wkoll xi problema b'saħħet binha minuri. It-talba tagħha tressqet quddiem il-*managing partners* tad-ditta u ma laqgħuhiex. Madankollu, għamlu arranġamenti biex l-imħarrka tintbagħat taħdem f'dipartiment ieħor, b'sigħat imnaqqsa u b'salarju ridott *pro rata*. Hija għamilitha ċara li kienet aċċettat li tmur taħdem fid-dipartiment tas-*support services* taħt protesta. Wara xi żmien, reġgħu nqalgħu xi intoppi bejnha u s-superjuri tagħha;

Illi l-imħarrka għaddiet ittra datata 27 ta' April, 2000[6], lil wieħed mid-diretturi tal-kumpannija attriċi dwar sa meta kienet sejra tibqa' tidħol għax-xogħol mal-kumpannija. L-ittra ngħatatilha lura. Hija waqfet li tattendi għax-xogħol fit-28 ta' April, 2000. F'Ġunju, 2000[7], il-kumpannija attriċi bagħtitilha ittra titlobha tħallas il-penali mitluba fiċ-Ċitazzjoni. Fil-11 ta' Settembru, 2000[8], il-kumpannija attriċi bagħtet lill-imħarrka ittra uffiċjali bl-istess talba. Il-kawża nfetħet fis-6 ta' Marzu, 2001;

Illi l-kunsiderazzjonijiet ta' dritt li jsawru din il-kawża jintrabtu mas-siwi tal-klawsola li fuqha l-kumpannija attriċi

[4] Xhieda ta' David Catania 15.10.2001, f'paġ. 47 tal-proċess
[5] Klawsola 7.3
[6] Dok "RG1", f'paġ. 131 tal-proċess
[7] Dok "B", f'paġ. 10 tal-proċess
[8] Dok "RB1", f'paġġ. 135-6 tal-proċess

ssejjes it-talba tagħha u wkoll mar-raġunijiet li ġabet l-imħarrka biex tiġġustifika t-tluq tagħha mill-impieg u biex ma tiġix kundannata tħallas xi penali bħala danni lill-istess kumpannija attriċi;

Illi għar-rigward tal-klawsola li fuqha l-kumpannija attriċi tressaq il-pretensjonijiet tagħha, jingħad li din tagħmel parti mill-kuntratt tal-impieg iffirmat bejn il-partijiet. Il-klawsola nnifisha hija waħda ċara u mfissra sewwa. Hija klawsola marbuta ma' assenza mill-post tax-xogħol għal żmien ħmistax-il jum mingħajr permess u għal raġuni li m'hijiex marbuta ma' mard. L-ebda waħda mill-partijiet ma qanqlet xi diffikulta' dwar l-applikabilita' tal-imsemija klawsola jew is-siwi tal-istess klawsola;

Illi ta' min jgħid li t-termini tal-Klawsola 7.3 bl-ebda mod ma jiksru xi dispożizzjoni tal-liġi (partikolarment dik li tħares l-impiegi) kif kienet fis-seħħ meta sar il-ftehim. Lanqas ma jidher li hija klawsola irraġonevoli jew li titfa' fuq l-impjegat xi piż jew obbligu li jagħmel il-qagħda tiegħu anqas favorevoli mill-minimu stabilit fil-liġi[9]. Dwar il-Klawsola 7.4, din mhix għajr stqarrija dikjarata ta' dak li l-liġi nfisha kienet[10] (u għadha[11]) titlob f'każ ta' temm mhux mistħoqq ta' impieg għal żmien definit min-naħa tal-impjegat

Illi d-diffikulta' li nħolqot f'dan il-każ, madankollu, mhux ġejja mill-imsemmija klawsola 7.3, daqskemm mill-applikazzjoni u l-effetti tagħha kif jidhru fil-Klawsola 7.4. Dan jingħad għaliex is-sanzjoni ta' nuqqas ta' attendenza ġustifikata għax-xogħol għaż-żmien imsemmi fil-Klawsola 7.3 kien iwassal għat-temm tal-kuntratt tal-impieg u għall-ħlas ta' penali. Imma l-Klawsola 7.4 tkopri wkoll il-każ fejn l-impjegat itemm il-kuntratt qabel iż-żmien miftiehem, mhux bilfors għal raġunijiet marbuta mal-assentejiżmu inġustifikat. Jidher li, filwaqt li l-kumpannija attriċi qegħda torbot il-jedd tagħha li titlob il-ħlas tal-penali minħabba li l-imħarrka naqset li tidher aktar għax-xogħol wara t-28 ta' April, 2000, bla permess u bla ma ħarset ir-regoli ta' kif

[9] Art. 38 tal-Kap 135, illum mibdul bl-art. 42 tal-Kap 452
[10] Art. 34(12) tal-Kap 135
[11] Art. 36(12) tal-Kap 452

għandu jiġi ċertifikat il-mard, l-imħarrka qegħda tgħid li l-effetti tal-Klawsola 7.4 ma jgħoddux dwarha għaliex kien intlaħaq qbil bejnha u l-kumpannija fis-sens li hija ma kinitx sejra tibqa' impjegata aktar wara li jgħaddi April tal-2000, u għalhekk, la kellha għalfejn tiġġustifika n-nuqqas tagħha mix-xogħol wara dak inhar u lanqas kellha għalfejn tibgħat ċertifikat tat-tabib biex turi li tassew kienet marida. Fi kliem ieħor, l-imħarrka qegħda tallega li l-kuntratt kien inħall bi qbil u bla ebda konsegwenza ulterjuri. Il-kumpannija attriċi, kif mistenni, twarrab għal kollox din il-pożizzjoni tal-imħarrka;

Illi l-fatt mhux kontrastat hu li l-kuntratt tal-impieg tal-imħarrka kien wieħed għal żmien definit. Kien jinbidel f'wieħed għal żmien indefinit kieku reġa' ġie mġedded wara l-għeluq tiegħu, imma din iċ-ċirkostanza ma seħħitx. Ir-raġuni għaliex l-imħarrka ingħatat kuntratt bħal dan jew x'kienet il-*policy* jew il-motivazzjoni tal-kumpannija attriċi biex toffri kuntratti ta' din l-għamla lill-impjegati tagħha huma għal kollox irrilevanti għall-każ tal-lum. Dan għaliex l-imħarrka għażlet li taċċetta l-kuntratt offert lilha u jidher li hija kienet tagħraf x'kienu l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tagħha;

Illi huwa prinċipju stabilit li l-kuntratti magħmulin skond il-liġi għandhom is-saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom u ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi[12]. Din ir-regola tgħodd aktar fejn il-kuntratt huwa wieħed bilaterali jew sinallagmatiku, fejn iż-żewġ (jew aktar) partijiet jintrabtu li jwettqu obbligazzjoni għall-benefiċċju tal-kontraenti l-oħrajn. Il-kuntratt tal-impieg huwa wieħed minn din l-għamla ta' kuntratti, u hekk tassew jixhed li kien il-kuntratt tal-impieg tal-imħarrka. Fil-każ preżenti, l-eżistenza tal-kuntratt tal-impieg hija maqbula mill-partijiet kollha. Dak li qegħda tallega l-imħarrka huwa li kien hemm il-qbil li r-rabta fuqha tal-imsemmi kuntratt tinħall bla ebda konsegwenza wara li jgħaddi April tal-2000;

[12] Art. 992 tal-Kap 16

Illi, ladarba l-kumpannija attriċi tiċħad li hija qatt tat il-kunsens tagħha biex teħles lill-imħarrka mir-rabta kuntrattwali bla konsekwenzi kif miftiehem, u ladarba ma sar l-ebda ftehim bil-miktub biex iħassar jew jibdel il-kuntratt tal-impieg, jeħtieġ li jintwera b'mod u fi grad tajjeb biżżejjed li kien hemm tassew il-kunsens jew qbil tal-partijiet kollha għal dan. Ma hemm l-ebda dubju li l-qbil jista' jintwera mhux biss fl-għamla miktuba, imma jista' jinftiehem minn kliem jew imġiba oħra ta' xi waħda mill-partijiet li turi li hija taċċetta li dak li kien miftiehem f'patt miktub m'għadux iseħħ jew jgħodd aktar. Ta' min jiċċara li "r-rinunzja (taċita) ta' jedd minn waħda mill-partijiet f'kuntratt trid tirriżulta minn espressjonijiet espliċiti u univoċi u mhux minn espressjonijiet ġeneriċi jew minn fatti assolutament inkonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta' preċiża tar-rinunzjant"[13];

Illi f'dan il-qasam tad-dritt tax-xogħol jidher li hija l-fehma tal-aqwa mħuħ fis-suġġett li "*An important criterion in order to determine whether there is a genuinely bilateral termination is to ask whether it was the employer or the employee who took the initiative. For example, where the employer has invited the employee to resign, the resignation will usually be treated as a dismissal and not as a termination by agreement. Similarly, if the employer agrees to release an employee who has announced his intention to resign in any event, whether or not the employer consents, this should be considered as a termination by the employee and not as a bilateral termination*"[14]

Illi f'dan ir-rigward madankollu, l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni[15] magħmula fin-Nota studjata tal-imħarrka fis-sens li l-piż tal-prova li ma kienx tassew intħalaq ftehim bejn il-partijiet dwar it-temm tal-kuntratt kien jaqa' fuq il-kumpannija attriċi. Il-kumpannija attriċi tistrieħ fuq il-fatt li kien hemm kuntratt u li l-kuntratt baqa' fis-seħħ (sakemm l-imħarrka, b'imġibitha, ma tatx lok għat-temm tiegħu): il-kumpannija attriċi ma kellha l-ebda interess u lanqas

[13] App. Inf. **25.11.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Thake vs Carmelo Borġ*** (mhix pubblikata)
[14] Hepple & O'Higgins <u>*Employment Law*</u> (3rd. Edit), Par. 492, paġ. 214
[15] Par. 3.17 f'paġ. 245 tal-proċess

obbligu li tipprova li ma kienx hemm ftehim li jtemm dak il-kuntratt. L-obbligu, għall-kuntrarju, kien unikament fuq l-imħarrka li turi li tassew kien hemm qbil li hija setgħet ittemm il-kuntratt tal-impieg tagħha bla ma tbati l-konsegwenzi tal-ħlas tal-penali minħabba li kienet qegħda ttemmu qabel il-waqt;

Illi irid jiġi ppreċiżat li lanqas il-kumpannija attriċi[16] ma tiċħad li l-imħarrka setgħet titlaq mill-impieg qabel il-waqt. Iżda dejjem tenniet li, jekk l-imħarrka tagħżel din it-triq, kien ikollha tħallas il-penali mitluba u miftehma. Hija l-imħarrka li tgħid li, minbarra l-qbil li hija titlaq mill-impieg, kien hemm ukoll il-qbil li hija titlaq mill-impieg bla ma tħallas il-penali. Huwa dan l-aħħar fatt li l-imħarrka jeħtiġilha tipprova għas-sudisfazzjon tal-Qorti. L-imħarrka tgħid li dan il-qbil jirriżulta mill-fatt li l-kumpannija kienet aċċettat li hija tibqa' taħdem magħha sa tmiem April tal-2000, u, fil-frattemp, tagħti *handover* lil Martin Fenech li, matul dak iż-żmien tal-allegat ftehim, kien jinsab barra minn Malta;

Illi l-Qorti studjat bir-reqqa l-verżjonijiet fil-biċċa l-kbira tagħhom ma jaqblux tal-partijiet fil-kawża, imma jkollha tasal għall-fehma li, mill-provi oġġettivi li jirriżultaw fl-atti (jiġifieri lil hinn mill-verżjonijiet "*ex post facto*" tar-rispettivi partijiet), ir-rejalta' hija li ma kienx hemm ftehim li l-Klawsola 7.3 jew l-effetti tagħha fil-Klawsola 7.4 tal-kuntratt tal-impieg tal-imħarrka kienu se' jitwarrbu jew jintesew jekk kemm-il darba l-imħarrka tibqa' miexja bil-fehma tagħha li ttemm l-ingaġġ tagħha minn mal-kumpannija attriċi qabel iż-żmien;

Illi l-fehma tal-Qorti hija mibnija fuq aktar minn kunsiderazzjoni waħda. Ewlenija fosthom huma, fl-ewwel lok, li l-imħarrka nnifisha qalet li l-ftehim li hija titlaq mill-impieg qabel iż-żmien bla konsegwenzi ta' xejn kien "xi forma ta' *gentlemen's agreement*"[17] wara li hija kienet talbet biss li tinħeles mill-impieg tagħha bla ma kienet diskussa jew imqar imsemmija l-maħfra tal-klawsola penali. Diġa' ntwera li, fuq it-talba tagħha li tinħeles mill-

[16] Xhieda ta' David Catania 15.10.2001, f'paġ. 50-1 tal-proċess
[17] Xhieda tagħha in kontro-eżami 28.10.2003, f'paġ. 220B tal-proċess

kuntratt il-kumpannija attriċi ma jidhirx li kellha xi oġġezzjoni: dak li l-kumpannija attriċi ma laqgħetx kien li taħfer lill-impjegata l-ħlas tal-penali jekk tagħżel li titlaq. Minbarra dan, dwar tali "ftehim bejn l-irġiel" ma jidhirx li, jekk eżista, kien hemm l-istess fehma bejn il-partijiet għal xiex kien jirreferi. Fi kliem ieħor, ma ntweriex il-*consensus in idem* li huwa tant meħtieġ biex jissalda qbil. Jekk kien hemm xi konsensus jidher li dan kien fl-għarfien u r-rassenjazzjoni li l-imħarrka ma kinitx se' ssaddad fl-impieg għaż-żmien kollu tal-kuntratt;

Illi, fit-tieni lok, il-fatt li l-imħarrka tibni l-imsemmi ftehim fuq il-kundizzjoni lilha allegatament mogħtija biex tistenna sa April ħalli tagħti r-riedni lil Martin Fenech ma jikkorrispondix mal-qagħda li kienet fattwalment teżisti fi ħdan il-kumpannija. Dan jingħad għaliex, sa Marzu tal-2000, jiġifieri aktar minn xahar qabel ma l-imħarrka temmet l-ingaġġ, Martin Fenech kien diġa' magħruf (għallanqas min-naħa tal-kumpannija attriċi) li ma kienx se' jibqa' fl-impieg tiegħu mal-kumpannija attriċi[18]. Il-kundizzjoni, għalhekk, li l-imħarrka tgħid li saritilha biex titħalla titlaq mix-xogħol qabel iż-żmien kienet waħda li ma setgħet qatt raġonevolment issirilha. It-tielet raġuni li tirriżulta mill-atti kienet l-ittra datata 27 ta' April, 2000, li l-imħarrka għaddiet lil David Catania sewwasew lejlet l-aħħar jum li daħlet għax-xogħol. Il-Qorti ssib li jekk kien minnu li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-imħarrka tħalli l-impieg qabel iż-żmien, ittra bħal dik (li, fil-qofol, kienet tikkonferma li hija sejra tħalli l-impieg) ma kinitx meħtieġa. Jidher li l-ittra saret għax kien hemm jew daħal xi dubju f'moħħ l-imħarrka dwar il-ftehim li tgħid li kien diġa' hemm;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li ma kienx hemm ftehim li l-kuntratt tal-impieg tal-imħarrka jiġi mibdul bi qbil bejn il-partijiet jew li kien hemm xi rinunzja jew maħfra tal-applikazzjoni ta' xi klawsola minnu f'każ li titlaq qabel iż-żmien;

[18] Ara Dok "JPA", f'paġġ. 163-4 tal-proċess

Illi, għalhekk, il-Qorti trid tgħaddi biex tara jekk, minkejja dak stipulat fil-Klawsola 7.4 tal-kuntratt, l-imħarrka kellhiex raġuni tajba u biżżejjed biex tħalli l-impieg qabel il-waqt. Dan l-aspett legali huwa ta' siwi kbir, għaliex il-liġi nnifisha[19] tagħmilha ċara li, fost l-oħrajn, impjegat jista' jħalli l-impieg tiegħu qabel il-waqt għal raġuni tajba bla ma jeħel is-sanzjonijiet maħsuba, mqar jekk il-kuntratt ikun wieħed għal żmien definit. Hawn ukoll, madankollu, il-piż tal-prova jaqa' fuq l-impjegat biex juri li kien hemm tassew imqar raġuni waħda tajba u biżżejjed għat-tluq mill-ingaġġ qabel il-waqt. Mhux kull ilment li impjegat jista' jkollu dwar min jagħtih ix-xogħol jammonta għal raġuni tajba u biżżejjed biex l-impjegat itemm l-impieg tiegħu[20];

Illi l-liġi ma tagħtix tifsira ta' x'inhi raġuni tajba u biżżejjed: tgħid biss liema huma dawk iċ-ċirkostanzi li, f'każ ta' temm tal-impieg, ma jgħoddux bħala raġunijiet tajbin u biżżejjed. Iżda jidher li huwa maqbul li l-kunċett ta' "raġuni tajba u biżżejjed" jirreferi għal għemejjel imputabbli direttament għall-imġiba jew il-ħila tal-impjegat[21]. Naturalment, l-istess jista' jingħad għall-imġiba tal-prinċipal bħala raġuni li tista' tintuża mill-impjegat biex iħalli x-xogħol qabel iż-żmien f'każ ta' kuntratt għal żmien definit (u dan billi fil-każ ta' kuntratt għal żmien indefinit, impjegat m'għandu għalfejn jagħti l-ebda raġuni għaliex jitlaq mill-impieg, dment li jagħti pre-avviż[22]);

Illi l-imħarrka ssemmi aktar minn raġuni waħda li, fil-fehma tagħha, huma tajba u sufficjenti biex bihom setgħet ittemm l-ingaġġ tagħha minn mal-kumpannija attriċi. Hija tindika dawn ir-raġunijiet fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[23] u ssemmi n-nuqqas ta' taħriġ xieraq biex tagħraf twettaq kif imiss ix-xogħol mogħti lilha, in-nuqqas ta' superviżjoni tas-superjur tagħha Mario Mifsud l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mat-*testing* tal-programmi li tkun fasslet, trattament ħażin mill-istess superjur tagħha (nuqqas ta' spjegazzjoni ta' metodi faċli, ordnijiet biex tlesti x-xogħol fi żmien qasir, nuqqas ta' preżenza tiegħu meta kien ikollha

[19] Art. 34(14) tal-Kap 135, illum mibdul bl-artikolu 36(14) tal-Kap 452
[20] Ara , per eżempju, P.A. FD **8.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Falcon Tours Ltd. vs Marvin Mizzi***
[21] Rakkomandazzjoni Nru. 119 tal-I.L.O. (Rapport tas-47 Sessjoni, Ġinevra, 1963)
[22] Art. 36(3) tal-Kap 452
[23] Par. 4.1 sa 4.3, f'paġġ. 247-9 tal-proċess

bżonn tikkonsulta miegħu, insensittività' tiegħu dwar ħtiġijiet mediċi tagħha), u talbiet biex tibqa' taħdem sigħat twal wara l-ħin biex tlaħħaq mad-*deadlines* ta' xi proġett. Hija tgħid li l-ġabra ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha wasslu biex laqtu ħażin l-istat ta' saħħitha tant li waqgħet f'dipressjoni;

Illi l-Qorti għandha kull simpatija għal din il-qagħda li sabet ruħha fiha l-imħarrka. Tifhem ukoll li għal persuna li għadha dieħla fil-qasam tax-xogħol hekk tekniku, il-ħtieġa ta' trawwim xieraq u personali kien fl-interess mhux biss tal-impjegata imma wkoll (jekk mhux aktar) fl-interess tal-kumpannija attriċi. Issib li, f'xi każijiet, kien hemm tassew nuqqas ta' superviżjoni kif imiss tas-sistemi li kienet tintalab tiżviluppa. Dan ġab li, xi nuqqasijiet jew difetti ħarġu meta s-sistemi kienu jkunu diġa' ġew konsenjati lill-klijenti. Tapprezza li bejn l-imħarrka u s-superjur tagħha nibtet sitwazzjoni diffiċli ta' nuqqas ta' qbil ta' personalita' li xellfet l-armonija li hija meħtieġa biex jitwettaq xogħol fl-aħjar kundizzjoni possibbli. Dawn kollha huma raġunijiet serji biżżejjed li, fil-biċċa l-kbira minnhom, joħorġu mill-provi mressqa;

Illi, kieku din kienet l-istorja kollha, kieku l-Qorti ma kien ikollha l-ebda dubju li ssib li kien hemm raġuni tajba u biżżejjed biex l-imħarrka toħroġ mill-kuntratt bla konsegwenza ta' xejn. Iżda, mal-istampa mpittra mill-imħarrka, hemm rejalta' oħra wkoll. Il-kumpannija attriċi wriet li, meta saret taf bid-diffikulta' li ħabbtet wiċċha magħha l-imħarrka, għamlet minn kollox biex issib tarfha. Għalhekk, minħabba ħtiġijiet domestiċi tal-imħarrka, kienet aċċettat din taħdem sigħat anqas fil-ġimgħa u tibdlilha l-ħinijiet li tidħol għax-xogħol u tmur id-dar. Hekk ukoll irriżulta li, minħabba s-sitwazzjoni ta' tensjoni bejnha u Mario Mifsud, il-kumpannija għamlet arranġamenti biex l-imħarrka tintbagħat taħdem f'dipartiment ieħor. L-imħarrka mhux talli laqgħet din il-bidla b'wiċċha minn quddiem, imma marret taħt protesta. Jirriżulta li x-xogħol ġdid mogħti lilha (dak fit-taqsima tas-*support services*) kien eħfef minn dak tat-tfassil tal-programmi u xorta waħda jagħmel użu mill-kwalifiki akkademiċi tagħha. Jirriżulta wkoll li x-xogħol li l-imħarrka ngħatat tagħmel sa

miż-żmien li kienet fil-prova kien l-istess xogħol li, ftit tax-xhur wara, qalet li ma kinitx qegħda tlaħħaq tagħmel kif tixtieq;

Illi għall-Qorti, din l-imġiba tal-kumpannija attriċi hija xhieda li xxellef ħafna x-xilja tal-imħarrka li l-imġiba tal-istess kumpannija jew funzjonarji tagħha. Filwaqt li l-imġiba tal-imħarrka tista' tagħti 'l wieħed x'jifhem li ma kinitx tasal għal-livell tax-xogħol li għalih daħlet, jew li ma riditx tagħti s-sehem sħiħ tagħha biex iż-żmien li kien fadal mill-kuntratt tagħha jgħaddi bla ma jkollha tibqa' mdejqa fuq il-post tax-xogħol tagħha;

Illi l-konsekwenza legali li toħroġ minn dawn il-kostatazzjonijiet hi li, fiċ-ċirkostanzi, l-imħarrka ma kellhiex jedd li ttemm unilateralment il-kuntratt tal-impieg tagħha: ir-rimedju legali tagħha kien dak li tirrivendika d-drittijiet li dehrilha li kienu qegħdin jiġu miksura b'azzjoni ġudizzjarja xierqa[24];

Illi billi l-imħarrka ma ddefendietx it-tluq minn mal-kumpannija attriċi jew in-nuqqas tagħha li tidħol għax-xogħol għal numru ta' jiem fuq il-bażi tal-mard, il-Qorti ma tħossx li għandha tagħmel osservazzjonijiet dwar jekk l-istat ta' tensjoni tagħha kienx raġuni tajba jew dokumentata biżżejjed għall-finijiet tal-Klawsola 7.3 tal-kuntratt;

Illi, għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;

Illi dwar it-tieni talba, jingħad li ma rriżulta bl-ebda mod li żewġ l-imħarrka kien b'xi mod ta sehem jew kien jaħti għal dak li seħħ. Fuq kollox, l-imħarrek lanqas kien parti jew firmatarju fuq il-kuntratt. Hija regola li l-kuntratti għandhom effett biss bejn il-partijiet li jikkuntrattaw, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, għajr fil-każijiet li tgħid il-liġi[25]. Fuq kollox, il-kuntratt ma fih l-

[24] Ara App. Ċiv. **15.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Agostino Azzopardi & Sons Ltd. vs Randolph Schembri*** (mhux pubblikata), li kienet tirrigwarda wkoll każ ta' temm ta' mpieg minn impjegat f'kuntratt għal żmien definit

[25] Art. 1001 tal-Kap 16

ebda patt jew kundizzjoni li saret favur l-imħarrek[26]. Jidher li l-kumpannija attriċi daħħlitu fil-kawża minħabba konsiderazzjonijiet patrimonjali dwar il-komunjoni tal-akkwisti. Imma dan ma kienx meħtieġ[27]. Fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti ssib li l-imħarrek Silvio Galea ma għandu jwieġeb xejn għall-pretensjonijiet attriċi u sejjer jinħeles mill-ġudizzju;

Illi jifdal li l-Qorti tagħmel osservazzjoni dwar l-ammont ta' dannu mitlub mill-kumpannija attriċi. Fuq dan, l-imħarrka ma semmiet xejn, fis-sens li ma ikkontestat l-ebda parti mill-prospett mibgħut lilha sa min Ġunju tal-2000[28]. Dan il-prospett kien iwassal għall-bilanċ li l-kumpannija attriċi għadha tippretendi mingħand l-imħarrka, wara li jkunu tnaqqsu xi ħlasijiet statutorji ta' jiem ta' frank mhux meħud, bonus u saħansitra bilanċ ta' *petrol allowance* li għalih kienet intitolata sa dak inhar li telqet mix-xogħol. Minn eżami tal-imsemmi dokument, il-Qorti tista' tislet il-fehma li dan huwa maħdum b'mod li jaqbel mal-Klawsola 7.4 tal-kuntratt tal-impieg u, fuq kollox, jirrispetta dak li tistabilixxi l-liġi nnifisha. Minbarra dan, għalkemm it-tielet talba attriċi titlob il-likwidazzjoni tad-danni, tali likwidazzjoni hija f'somma ċerta, liema somma kienet ilha tiġi indikata lill-imħarrka sa minn xahrejn wara li telqet mill-impieg. Il-Qorti għalhekk tqis li l-imgħax fuq is-somma likwidata għandu jibda jgħodd minn dak inhar li l-imħarrka laqgħet in-notifika tal-ittra uffiċjali. Il-pretensjoni tal-kumpannija attriċi fit-tielet talba tagħha tirriżulta għalhekk mistħoqqa wkoll u sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Fl-ewwel lok, **tiddikjara** li ma jirriżulta bl-ebda mod mill-provi mressqa li l-imħarrek Silvio Galea jaħti għal dak li ġara jew jista' jitqies responsabbli lejn il-kumpannija attriċi għall-ħlas ta' xi danni, u qegħda għalhekk **teħles lill-imħarrek Silvio Galea mill-osservanza tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-kumpannija attriċi**;

[26] Art. 1000 tal-Kap 16
[27] Art. 1327(f) tal-Kap 16
[28] Dok f'paġ. 11 tal-proċess

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi**, u tiddikjara li l-imħarrka Roberta Galea kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-impieg tagħha billi telqet mill-istess impieg qabel iż-żmien miftiehem u mhux għal raġuni tajba u biżżejjed skond il-liġi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjara lill-imħarrka Roberta Galea responsabbli għad-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi minħabba għamilha;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tillikwida l-imsemmija danni fl-ammont ta' elfejn sitt mija u sitta u disgħin lira Maltija u sitta u tletin ċenteżmu (Lm 2696.36);

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrka Roberta Galea tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' Lm 2696.36 hekk likwidata bħala danni; u

**Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża**, ħlief dawk marbutin mal-imħarrek Silvio Galea (li għandhom jitħallsu mill-kumpannija attriċi), jitħallsu mill-imħarrka Roberta Galea, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' dannu b'effett mill-15 ta' Settembru, 2000, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------